**29 ta' April, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Carmelo *sive* Charles Farrugia, Vincent Farrugia, Alfred Attard u Carmelo Farrugia

## Nuqqas ta' Volontà – Artikolu 33 tal-Kodiċi Kriminali

*Għall-finijiet ta' l-artikolu 33(b) tal-Kap. 9 mhux biżżejjed li l-akkużat ikun konfuż jew mifxul jew imbeżża'. Il-liġi titkellem dwar forza barranija li l-akkużat ma setax jirreżisti u għalhekk il-qorti trid tkun konvinta li dik il-forza barranija kienet tali li xejnet il-volontà ta' reżistenza ta' l-akkużat.*

Il-Qorti: –

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputati;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta tad-19 ta' Lulju, 1989 fil-konfront ta' Alfred Attard u Carmelo Farrugia bin Laurent li biha ma sibtx lill-imputati ħajta ta' l-akkużi dedotti kontra tagħhom u lliberathom minnhom;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali li bih talab li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta tad-19 ta' Lulju, 1989 fil-kawża fl-ismijiet premessi u wara li ssib lill-imputati appellati ħajta tar-reati dedotti kontra tagħhom tgħaddi biex tinfliġġi l-piena preskritta mil-liġi;

*Omissis;*

L-appell ta' l-Avukat Ġenerali huwa bbażat fuq il-lanjanza illi l-Qorti tal-Maġistrati aċċettat difiża favur l-akkużati liema difiża ma tirriżultax ammissibbli fil-liġi tagħna. Di fatti, skond l-Avukat Ġenerali, il-Qorti tal-Maġistrati eżentat lill-akkużati mir-responsabbilità kriminali għaliex dawn infixlu jew beżgħu waqt illi biex difiża ta' dan it-tip tirnexxi, jeħtieġ illi l-aġent ikun kostrett jagħmel dak li għamel minn forza barranija;

Din il-Qorti eżaminat l-atti proċesswali u l-istqarrijiet ta' l-akkużati u rat dawn fil-konfront tas-sentenza;

Eżami akkurat ta' din is-sentenza juri illi l-Qorti tal-Maġistrati bdiet il-konsiderazzjonijiet tagħha billi kkunsidrat sitwazzjonijiet partikolari fejn bniedem f'ċertu ċirkostanzi jinfixel u b'hekk l-element tal-volontarjetà tant jiddgħajjef illi l-aġent

jaċċetta ċerta sitwazzjonijiet minħabba f'dan l-istat mentali;

Għal dawn il-kummenti l-aggravju ta' l-appellant huwa illi tali sitwazzjoni ma tinkwadrax ruħha taħt il-provvedimenti ta' l-artikolu 33 tal-Kapitolu 9 li jitkellem dwar eżenzjoni mir-responsabbilità kriminali għal min ikun kostrett b'forza esterna;

Il-Qorti tal-Maġistrati tkompli s-sentenza billi tgħid illi f'dan il-każ ma ġiex ippruvat l-element intenzjonali tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 115 tal-Kapitolu 9;

Huwa ċar illi hawn il-Qorti tal-Maġistrati qiegħda tibbaża n-nuqqas ta' prova ta' l-element intenzjonali fuq il-premessa illi l-akkużati kienu mifxula;

Bir-rispett lejn il-Qorti tal-Maġistrati, l-istess brani minnha ċitati mill-istqarrija ta' l-akkużati tindika element intenzjonali li jikkonferma konsapevolezza li kienu qegħdin jiġu mogħtija l-flus. L-artikolu 33 jitkellem dwar forza barranija li l-aġent ma setax jirreżisti. Il-Qorti trid tkun konvinta li tali forza barrranija kienet tali li xejnet il-volontà ta' reżistenza ta' l-aġent. It-*test* huwa wieħed soġġettiv imma jrid ikun jirriżulta plawsibbli. Mhux la kemm wieħed jgħid li beża'. Irid jirriżulta, almenu fuq il-bażi ta' probabbiltà tenut kont tal-fatt li hu element li trid tippruvah id-difiża, illi verament jeżitu elementi li jistgħu jinduċu tali biża';

Li tgħid, kif qalet il-Qorti tal-Maġistrati illi l-akkużati kienu fi stat konfuż mhux biżżejjed għal l-finijiet tal-liġi;

Għalhekk din il-Qorti ssib illi s-sentenza appellata tikkontjeni interpretazzjoni żbaljata tal-liġi fil-konfront ta' l-ewwel akkuża. Konsegwentement qiegħda tannulla l-istess

sentenza u sejra tgħaddi biex tiddeċidi hi stess dwar din l-akkuża;

*Omissis;*

Il-Qorti għalhekk prevja annullament tas-sentenza appellata kwantu għall-ewwel akkuża, ssib lill-imputati ħajta ta' din l-akkuża u ċjoè talli bħala uffiċjali jew impjegati pubbliċi u in konnessjoni mal-kariga jew impieg tagħhom, irċevew jew aċċettaw għalihom flus li għalihom huma ma kellhomx jedd u barra li aċċettaw il-ħlas, naqsu li jagħmlu dak li kien fid-dmir tagħhom li jagħmlu;

Rat l-artikoli 115 u 119 tal-Kapitolu 9. Torbot lill-akkużati li ma jagħmlux reat ieħor għal perijodu ta' tliet snin millum taħt il-provvedimenti ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 u l-Qorti qiegħda tispjega l-portata ta' din is-sentenza lill-akkużati;

Il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata u tillibera lill-akkużati mit-tieni akkuża dedotta kontra tagħhom.